PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠISLATURA

P.L. 773

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 43 tal-1 ta' Lulju 2013 minn Mr Speaker, Onor Anglu Farruiga, MP.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

## *XOGĦOL FUQ ARBITRAĠĠI MILL-OMBUDSMAN*

**3. L-ONOR CARMELO ABELA jistaqsi lill-iSpeaker:** Nirreferi għall-ittra datata 6 ta’ Novembru 2012 mill-i*Speaker* preċedenti Dr Michael Frendo lill-Ombudsman Joseph Said Pullicino fejn, fost affarijiet oħra, kien kiteb li

“*Jien tal-fehma li fl-aħjar interess tal-Uffiċċju tal-Ombudsman u tal-fiduċja pubblika f’tali Uffiċċju, sabiex ikun evitat kull ekwivoku jkun għaqli li l-Ombudsman u l-Kummissarji nominati taħt l-Att dwar l-Ombudsman m’għandhom jagħmlu l-ebda ħidma oħra għal qliegħ jew rikompens ieħor, anki jekk din il-ħidma ssir b’mod okkażjonali*.”

Jista’ l-i*Speaker* jikkonferma jekk sussegwentement għall-ittra msemmija hawn fuq, l-Ombudsman Said Pullicino waqqafx immedjatament ix-xogħol kollu ta’ arbitraġġi li hu kien għaddej bih dak iz-zmien jew inkella baqax għaddej b’dan ix-xogħol fuq il-każijiet li kellu quddiemu minkejja d-direttiva ċara tal-iSpeaker?

**SPEAKER:** L-Ombudsman jixtieq jinforma lill-Onorevoli interpellant illi b'ittra tal-4 ta' Ottubru 2012 (kopja mehmuża), hu kien informa lir-Reġistratur tal-Bord tal-Arbitraġġ illi "... a skans ta' kull ekwivoku u biex tiġi assigurata trasparenza sħiħa, nitolbok biex tinnota li talbiet simili għas-servizzi tiegħi biex inservi ta' Arbitru fil-futur m'humiex ser jiġi milqugħa.” Minn dak inhar hu kien waqaf immedjatament milli iservi ta' Arbitru. Effettivament fuq istruzzjonijiet tiegħu, ġie mneħħi mil-lista tal-Arbitri u ma baqax jingħata jew jaċċetta inkarigi ġodda. Hu żamm biss erba' inkarigi li kienu diġa' ġew differiti għad-deċiżjoni tiegħu, billi 1-provi kollha fihom kienu tista' tgħid miġbura. Minn dawn baqa' biss tnejn għad-deċiżjoni. Dan ovjament sar biex ma jiġux preġudikati l-interessi tal-partijiet li jkollhom 1-każ tagħhom riżolt kemm jista' jkun malajr.

Hu nnutat li kien f’dan 1-ispirtu u fl-istess termini li 1-Onorevoli Speaker Dr Frendo esprima il-fehma sussegwenti tiegħu tas-6 ta' Novembru 2012, ċitata mill-Onorevoli interpellant.

Seduta 43
01.07.13

Chief Justice Emeritus Joseph Said Pullicino
B.A. (Hons.), LL.D.

Flat 13/14, "The Oaks"
G. Borg Olivier Street,
Sliema SLM 04, Malta.

Tel: 2133 6721
Mob: 9947 1357
jsaidp@maltanet.net

4 ta' Ottubru 2012

Reġistratur
Bord tal-Arbitraġġ
South Street
Valletta

~~Dr Galea Farrugia~~

Dan l-aħħar, f'sezzjoni tal-istampa, saret id-domanda jekk il-fatt li l-Ombudsman okkażjonalment jaċċetta talbiet biex iservi ta' Arbitru bejn ċittadini setgħax jitqies li jmur kontra l-provvedimenti tal-Att dwar l-Ombudsman.

Hu dibattibbli jekk il-fatt li l-Ombudsman iservi ta' Arbitru medja ta' każ wieħed f'sena setgħax jiġi kwalifikat bħala "attivita`" fit-termini tal-Artikolu tal-istess Att.

B'danakollu, a skans ta' kull ekwivoku u biex tiġi assigurata trasparenza sħiħa, nitolbok biex tinnota li talbiet simili għas-servizzi tiegħi fil-futur m'humiex ser jiġu milqugħa.

Inselli għalik

J Said Pullicino
Ombudsman